KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa

## IS-SEBA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 50

**Il-Ħamis 17 ta' Novembru 2022**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fis-Sala tal-Kunsill fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Kyle Mifsud – Sindku
Marika Sammut Dimech – Viċi Sindku
Dott. Daniel John Attard – Kunsillier
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Christianne Mifsud – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

## 50.1 Qari tal-Apoloġiji

50.1.1 Is-SE infurmat li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 50.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 49

50.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħat preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

50.2.2 Il-minuti tas-seduta numru 48 ġew approvati b'mod unanimu u ġew ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 50.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

50.3.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li matul il-ġimgħat li ġejjin, kienet se tiġi ppubblikata l-offerta għal CCTV's ġodda min-naħa tar-Reġjun Tramuntana. Kull Kunsill kien se jiġi allokat massimu ta' 5 cameras.

50.3.2 Hawnhekk is-Sindku ssuġġerixxa li l-BIS li hemm fi Triq il-Ward titmexxa għal Triq l-Imtarfa sabiex ma jkunx hemm il-problema tal-fliexken tal-plastik u ħġieġ li qed ikun hemm f'lokalitajiet oħra. Wara diskussjoni u fuq suġġeriment tal-Kunsillier Fenech, kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill għandu l-ewwel jistenna li din il-makna tal-BCRS tiġi installata, u jekk il-Kunsill jara li qed ikun hemm problema nitolbu li titmexxa l-BIS.

50.3.3 Is-Sindku informa li hu, il-Kunsillier Fenech u s-SE kellhom laqgħa mal-membri tar-Reġjun kif ukoll mal-kuntrattur il-ġdid dwar is-sistema l-ġdida tal-ġbir tal-iskart. Huwa informa li min-naħa tagħhom kienu se jieħdu ħsieb li jikkomunikaw dak kollu li jiġi ngħad lill-kunsilliera.

50.3.4 Is-Sindku informa li t-Tlieta li għaddiet kienet ittellgħet l-attività tas-Suq tal-Milied mill-Baden Powell Scout Group bil-fondi tar-Reġjun. Kulħadd qabel li kien hemm feedback pożittiv ħafna u jidher li l-attività verament niżlet tajjeb ma' kull min attenda.

50.3.5 Is-Sindku informa li waqt il-laqgħa tar-Reġjun kienet tqajjmet il-kwistjoni tad-Data Protection Officer minħabba li dan seta' jiġi mqabbad mir-Reġjun u jintuża mill-kunsilli kollha. L-istess ħaġa kienet qed tiġi diskussa sabiex ikun hemm H&S Officer wieħed ukoll imqabbad mir-Reġjun u jaqdi l-funzjonijiet tal-Kunsilli kollha.

50.3.6 Is-Sindku informa li hu u s-SE kienu attendew għal-Laqgħa Annwali tar-Reġjun. Is-Sindku qal li kienu ntqalu ħafna affarijiet pożittivi u fosthom kien hemm talba biex ir-Reġjun jieħu aktar ħsieb li jaħdem fuq policies minflok iqassam il-fondi biss.

## 50.4 Offerta reġjonali dwar il-ġbir ta' skart

50.4.1 Is-Sindku informa li mit-2 ta' Jannar 2023 kienet se tibda l-ġabra tal-iskart mir-Reġjun minflok mill-Kunsilli Lokali.

50.4.2 Huwa qara l-iskeda l-ġdida skont kif ġejna infurmati li se tibda ssir il-ġabra. Informa wkoll li min-naħa tar-Reġjun se jkunu qed jgħaddu l-avviżi u posters biex jitqassmu mal-lokalità.

50.4.3 Sadanittant, is-Sindku, is-SE u l-Kunsillier responsabbli mill-iskart kienu ġew mitluba biex jagħmlu laqgħa mal-*Waste Management Manager* il-ġdid tar-Reġjun.

## 50.5 Allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2023

50.5.1 Is-SE infurmat li l-Kunsill kien irċieva l-ammont tal-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2023, li kienet żdiedet għal €317,390.

50.5.2 Sadanittant infurmat li dan l-ammont jinkludi €2,731 f'fond ta' aġġustament li bħas-soltu l-Kunsill irid jibgħat ġustifikazzjoni għaliha. Fuq suġġeriment tas-SE, il-Kunsill qabel b'mod unanimu li l-ġustifikazzjoni għandha tkun biex isir l-ingaġġ ta' skrivan/a biex tieħu ħsieb timmaniġġja l-Visitors Centre.

## 50.6 SPI.SCI.9.2022 - Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Komunitajiet isbaħ u aktar b'saħħithom

50.6.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet konferma min-naħa tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali li l-Kunsill kien rebaħ ftit aktar minn €20,000 għal skema li kienet applikat għaliha biex jitwaħħlu pannelli solari fuq il-bejt tal-Kunsill.

50.6.2 Hija infurmat li sadanittant kellha laqgħa fuq il-bejt mal-Perit tal-Kunsill u kuntrattur u talbet li tingħata stima għax-xogħlijiet biex jinbidel il-membrane, isir it-tikħil tal-fili, jiċċaqalqu l-wires u l-pajpijiet li hemm fil-preżent u jinbidlu ż-żewġ strutturi tal-aluminju li hemm fil-kuriduri.

50.6.3 L-indikazzjoni li kellha kienet li biex isir dan ix-xogħol kollu, trid issir nefqa ta' madwar €100,000 - €120,000. Fid-dawl ta' dan kollu u anke għaliex il-binja m'hijiex tal-kunsill, is-SE talbet lill-Kunsill biex issir laqgħa mal-HA biex dawn jidħlu għal din l-ispiża. Il-Kunsill qabel li s-SE għandha titlob rapport komprensiv mingħand il-Perit tal-Kunsill dwar il-ħsarat u l-ispejjeż involuti qabel ma ssir din il-laqgħa.

## 50.7 *Update* dwar il-proġett tal-Visitors Centre

50.7.1 Is-SE infurmat li x-xogħol fuq din il-binja kien reġa' ngħata bidu matul il-ġimgħat li għaddew wara li ġie *awarded* il-kuntratt tal-M&E's. Sadanittant, kienu għaddejjin numru ta' kommunikazzjonijiet u laqgħat ta' koordinament minħabba li issa jidħlu ħafna xogħlijiet (u kuntratturi) fuq xulxin.

50.7.2 Hija infurmat li waħda mill-punti li tqajjmu waqt waħda minn dawn il-laqgħat kienet il-fatt li t-toilets kienu se jkunu miftuħa wara l-ħin tal-għeluq ta' din il-binja. Din kienet se toħloq naqra ta' problema minħabba li m'hemmx lok ieħor fejn jitpoġġew l-alarm pad kif ukoll il-meters tad-dawl u l-ilma fost oħrajn. Min-naħa tal-Periti u l-Inġiniera ma kinux jirrakkomandaw li dawn jibqgħu miftuħa u jitħallew bla superviżjoni wara li tagħlaq il-binja. Il-Kunsill ma qabilx u talab lis-SE tinforma lill-Periti u lill-Inġiniera li għandha tinstab alternattiva oħra biex il-latrini jibqgħu aċċessibbli anke wara li l-binja tkun magħluqa. Barra minn dan, fuq suġġeriment tal-Kunsillier Dr Attard kien hemm qbil li l-bibien tal-latrina għandhom ikunu coin-operated sabiex il-flus li jiġu ġġenerati jgħinu sabiex isir it-tindif neċessarju. Sadanittant kien hemm qbil ukoll li jekk hu neċessarju, għandha ssir pannella wara d-desk tar-receptionist għall-meters, eċċ.

50.7.3 Il-Periti kienu ġibdulha wkoll l-attenzjoni dwar arblu tad-dawl u l-bankina li hemm bejn il-VC u l-gymnasium. Il-Kunsill qabel li l-bankina għandha tiġi rranġata u li jekk l-arblu m'hemmx aktar loku, dan għandu jinqala'.

50.7.4 Sadanittant infurmat ukoll li l-kuntratt għat-tlestija tal-proġett kien jiskadi nhar il-31 ta' Diċembru 2022. Fuq talba tagħha, kien hemm qbil li ssir talba biex din id-data tiġi estiża sat-30 ta' Settembru 2023.

## 50.8 The 2023 Malta Marathon

50.8.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet talba biex tinżamm il-Maratona ta' Malta nhar il-Ħadd 26 ta' Frar 2023 fejn kienu qed jipproponu li jagħlqu triq mill-by-pass bejn in-Nigret u l-Imtarfa mis-7:05am sas-7:30am. Barra minn dan, hemm proposta li jkun hemm għeluq ieħor bejn it-8:15am u d-8:45am. Dan kien ifisser li l-by-pass tkun inaċċessibbli matul ċertu ħinijiet.

50.8.2 Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandha tingħata n-no objection bil-patt u l-kundizzjoni li f'każ ta' emerġenza, il-ħruġ u d-dħul minn u lejn l-Imtarfa għandu jinfetaħ immedjatament.

## 50.9 Punti Oħra

50.9.1 Is-SE infurmat li kien reġa' wasal iż-żmien biex il-Kunsill jorganizza laqgħa tal-lokalità għar-residenti qabel ma jiġi approvat il-baġit tal-Kunsill. Kien hemm qbil li l-laqgħa tal-lokalità għandha tinżamm eżatt qabel il-laqgħa tal-kunsill li jmiss, fil-5:00pm.

50.9.2 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kommunikazzjoni mingħand il-Malta Air Traffic Services Ltd fejn kienu talbu li jinstallaw bollards fi Triq l-Anzjani, quddiem il-kamra li ngħatat lilhom biex jieħdu ħsieb it-tagħmir tal-kommunikazzjonijiet. Il-Kunsill qabel u għaldaqstant is-SE se tieħu ħsieb tagħmel applikazzjoni ma' TM.

50.9.3 Hospice Malta kienu qed jagħmlu talba biex il-Kunsilli jgħinu bi trasport ta' pazjenti li jkollhom bżonn li jmorru l-Hospice ta' Santa Venera mill-anqas darba fil-ġimgħa. Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jinfurmahom li lesti li ngħinu lir-residenti tagħna biex inwassluhom għat-terapija.

50.9.4 Is-SE infurmat li wara 6 ġimgħat ta' taqtigħ il-qalb, il-madum mad-dawra tal-Kunsill kien tlesta, wara li tpoġġa għat-tielet darba. Sadanittant, il-Kunsill kien kellu jżomm il-librerija tal-Imtarfa magħluqa għal 6 ġimgħat sħaħ għaliex l-entratura u l-kuridur ma kinux fi stat li jintużaw.

50.9.5 Sadanittant hija ġiet infurmata li l-Aġenzija Sapport kienet ippubblikat offerta għal lift ġdid fejn hemm il-parti t-tonda, li l-parti t'isfel tiegħu kienet se tkun f'nofs il-kuridur, bejn il-ħanut Wearania u l-klinika tal-Gvern. Hija qalet li ma tistax tifhem għaliex kienet ittieħdet din id-deċiżjoni min-naħa tagħhom mingħajr ma mqar ikkonsultaw jew avviċinaw lill-Kunsill dwar din il-materja, aktar u aktar fid-dawl li dawn il-flus setgħu jintużaw biex minflok jinbidel il-lift li hemm preżenti u li ma tantx kien jidher li fadallu ħajja. Wara telefonata, is-Sindku informa li l-permess tal-PA kien fil-fatt diġà nħareġ u l-lift kien se jsir eżattament fejn indikat is-SE. Is-Sindku informa li kien se jitlob laqgħa mas-Sur Oliver Scicluna.

50.9.6 Is-SE infurmat li s-Sur Mark Bugeja kien għamel talba biex il-Kunsill japplika mal-ERA biex jinqala' z-zokk li tħalla minnu wara li sar *hard pruning* ta' waħda miż-żewġ siġriet li kien hemm fi Triq l-Imtarfa. Huwa kien lest li jaqla' dan iz-zokk u minflok jixtri żebbuġa u jħawwilha fil-post. Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jinforma lir-resident li ladarba l-ERA tawh il-permess biex isir il-hard pruning taż-żewġ siġriet, għalkemm waħda minnhom kienet fi proprjetà pubblika, il-Kunsill kien qed jitlob lill-istess ERA biex dawn jagħtu l-permess lis-Sur Bugeja biex jaqla z-zokk u f'dik iż-żona jingħata l-permess biex jiġu mħawla 3 siġar maturi taż-żebbuġ.

50.9.7 Il-Kunsill kien irċieva talba mingħand it-Tenur MichelAngelo Muscat għal għajnuna ta' €300 biex jittella' kunċert fil-Knisja tal-Imtarfa. Kien hemm qbil li s-Sur Muscat għandu jiġi mitlub ikellem lill-Kappillan direttament anke għaliex ma kienx hemm żmien biex tittella' din l-attività u ssir promozzjoni tajba tagħha.

50.9.8 Is-SE infurmat li l-Environmental Manager tar-Reġjun kien għadda xi informazzjoni dwar il-Covenant of Mayors. Il-Kunsill ma qabilx li għandu jissieħeb.

50.9.9 Kien hemm qbil bejn il-Kunsill kollu li l-ikla tal-Milied li se tinżamm f'Jannar għandha tkun preċeduta minn ħin allokat apposta għal diskussjonijiet u attivitajiet bejn l-impjegati u l-Kunsilliera f'forma ta' sessjoni ta' *team building*. Għaldaqstant is-SE ġiet mitluba ssib xi post/restaurant fejn setgħu jagħmlu xi sala disponibbli għal dan il-għan qabel l-ikla.

## 50.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

50.10.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 12/2022), kopja tagħha mehmuża.

50.10.2 Il-Kunsillier Mifsud proponiet l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Attard issekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 50.11 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

50.11.1 Il-laqgħa spiċċat fit-7:50pm u ġiet aġġornata għall-20 ta' Jannar 2023 fil-5:30pm.

Konfermati, illum 20 ta' Jannar 2023.

| | |
|---|---|
| Kyle Mifsud | Josette Micallef |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |